32007D0190

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Marzu 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2006/769/KE li tfassal il-lista ta' reġjuni u żoni eliġibbli għal finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali taħt il-fergħat transkonfinali u transnazzjonali ta' l-objettiv tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea għall-perjodu 2007-2013 fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 1284)

(2007/190/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1260/1999 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 2006/769/KE tal-31 ta' Ottubru 2006 ([2]), il-Kummissjoni stabbiliet lista ta' reġjuni u żoni eliġibbli għal finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali taħt il-fergħat transkonfinali u transnazzjonali ta' l-objettiv tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea għall-perjodu 2007-2013.

(2) Wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, ir-reġjuni u ż-żoni minn dawk l-Istati Membri għandhom jiġu miżjuda mal-lista ta' reġjuni u żoni eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali taħt il-fergħat transkonfinali u transnazzjonali ta' l-objettiv tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea.

(3) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Koordinament tal-Fondi.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/769/KE għandha għal-hekk tiġi emendata.

(5) F'ġieh iċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2006/769/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Anness I huwa emendat hekk:

   (a) għandhom isiru dawn iż-żidiet li jmiss wara "BE353 Arr. Philippeville".

   "BG311 Vidin
   BG312 Montana
   BG313 Vratsa
   BG314 Pleven
   BG321 Veliko Tarnovo
   BG323 Ruse
   BG325 Silistra
   BG332 Dobrich
   BG413 Blagoevgrad
   BG422 Haskovo
   BG424 Smolyan
   BG425 Kardzhali";

   (b) għandhom isiru dawn iż-żidiet li jmiss wara "PT184 Baixo Alentejo".

   "RO111 Bihor
   RO115 Satu Mare
   RO223 Constanța
   RO312 Călărași
   RO314 Giurgiu
   RO317 Teleorman
   RO411 Dolj
   RO413 Mehedinți
   RO414 Olt
   RO421 Arad
   RO424 Timiş".

2. Fl-Anness II, il-lista ta' żoni taħt it-titolu "IX-XLOKK TA' L-EWROPA" tiġi emendata kif ġej:

([1]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1989/2006 (ĠU L 411, 30.12.2006, p. 6).

([2]) ĠU L 312, 11.11.2006, p. 47.

(a) iż-żidiet ***li jmiss*** jiddaħħlu ***qabel*** "GR11 Anatoliki Makedonia, Thraki"

"BG31 Severozapaden
BG32 Severen tsentralen
BG33 Severoiztochen
BG34 Yugoiztochen
BG41 Yugozapaden
BG42 Yuzhen tsentralen"

(b) għandhom isiru dawn iż-żidiet li jmiss wara "AT34 Vorarlberg":

"RO11 Nord-Vest
RO12 Centru
RO21 Nord-Est
RO22 Sud-Est
RO31 Sud-Muntenia
RO32 Bucureşti-Ilfov
RO41 Sud-Vest Oltenia
RO42 Vest".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni

Danuta HÜBNER

Membru tal-Kummissjoni